**Insellmu lid-Djaknu Marlon Victor Bajada** fi tmiem dil-ġimgħa, wara sena jaqdi l-ministeru tiegħu fostna. Nirringrazzjawh tal-ħbiberija u tas-servizz li ta fost iż-żgħażagħ, l-abbatini u wħud mill-morda tagħna; nitolbu għalih u nawgurawlu għall-esperjenza l-ġdida li ser jibda ġewwa Ruma fil-parroċċa ta' Santa Paola Romana, fil-jiem li ġejjin.

**Katekeżi għar-romol**, irġiel u nisa, nhar it-Tnejn li ġej 22 ta' Settembru fis-6.15pm, fil-Mużew il-qadim tal-bniet, Triq Rakela Camilleri. Imexxi Dun Ġużepp Attard.

**Inħeġġu lill-koppji li qed jaħsbu biex jiżżewġu** fis-snin li ġejjin sabiex jinkitbu u jibdew il-preparazzjoni minn sentejn qabel. L-applikazzjonijiet jinġabru mill-Uffiċċju Parrokkjali. L-ewwel laqgħa tal-għarajjes ser tkun nhar is-Sibt 27 ta' Settembru. Nibdew bil-quddiesa tas-7.00pm fil-Bażilika u dritt wara nkomplu fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali.

**Stedina għall-Quddiesa tal-Familja** nhar il-Ħadd 28 ta' Settembru, fl-9.45am. It-tfal iġibu s-satchels magħhom u nberkuhom fil-bidu tas-Sena Skolastika ġdida. Nagħtuhom tifkira żgħira, u wara nieħdu kafè flimkien fuq iz-zuntier.



**TIMETABLE TAT-TAGĦLIM FIL-MUŻEW TAL-BNIET**
mit-Tlieta, 30 ta' Settembru 2025
*L-Ewwel Xift: mill-4.30pm sal-5.15pm*
Year 1 - il-Ħamis
Year 2 u 3 - It-Tnejn u l-Ħamis
Year 4 - It-Tlieta u l-Ġimgħa
*It-Tieni Xift: mis-5.45pm sas-6.30pm*
Year 5 - It-Tlieta u l-Ġimgħa
Year 6 - It-Tnejn u l-Ħamis
Year 7 - It-Tnejn u l-Ġimgħa
Year 8 'l fuq - It-Tlieta u s-Sibt

**Il-Consent Form għall-ġenituri tat-tfal li ser jibdew Year 1** tista' tinġabar mill-Mużew tal-bniet, is-Sibt, 27 ta' Settembru bejn il-5.00pm u s-6.00pm.

**Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal minn Year 5 'l fuq** fil-bidu tas-sena kateketika: nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Settembru fis-6.00pm. Il-kelliema ser tkun is-Superjura Moira Tonna minn Malta.

**Festa ta' San Mikiel Arkanġlu**, nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru, fis-6.00pm Quddiesa fil-Mużew tal-bniet għal kulħadd.

**Tifkira liturġika ta' San Piju tal-Pjagi:** it-Tlieta 23 ta' Settembru, fis-6.15pm Rużarju u fis-7.00pm Quddiesa fil-knisja tal-Kapuċċini, ir-Rabat.

**Ġbir ta' lewż morr għall-karità:** min jixtieq jista' jgħaddihulna fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Żjara lill-anzjani residenti fid-Dar San Ġużepp** organizzata mill-Għaqda Dun Franġisk Grima, nhar il-Ħamis 2 t'Ottubru, fid-9.30am. Tluq minn quddiem iċ-Ċentru. Ċemplu lil Tonina fuq 21553041 / 79923153 jew lil Ġuża fuq 21552326 / 99228906.
**Ħarġa għall-Malta** posposta għat-30 t'Ottubru.

**Ix-xogħol fuq it-toilets tal-knisja**, jeħtieġ iktar żmien, għalhekk grazzi għall-Kunsill Lokali tagħna, stajna nipprovdu servizz ta' mobile toilets fuq barra ħdejn it-taraġ tal-bieb tas-sagristija tat-Tramuntana. Nirringrazzjaw ħafna lill-voluntiera Nienu Azzopardi, Michael Grech, Willy u Bjorn Vella li qed jaħdmu ta' kuljum biex stajna nsewwu l-ħsarat serji li kien hemm u jkollna servizzi ġodda li jixirqu għal kulħadd.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am